**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 65** – Il-Ħamis 25 ta' April fl-4:00pm.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu fl-4:00pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

## 65.1 Talba

65.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

65.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 65.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

65.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 65.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

65.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi f'isem sħabu l-Kunsilliera ta l-kondoljanzi lill-Kunsillier Teddy Saliba għat-telfa tal-għażiż ħuħ Michael. Bħala kunsilliera u kollegi ningħaqdu flimkien f'dan il-mument ta' sogħba.

65.4.2 Is-Sindku għamel referenza wkoll għal-Festa Familja li ġiet organizzata s-Sibt li għadda 20 ta' April fi Triq il-Qigħan. Huwa spjega li kif għal din l-attivita' ħelwa kellna attendenza tajba ħafna. Sar qbil li l-Kunsill għandu jorganizza aktar attivitajiet ta' dan it-tip f'din iż-żona għaliex il-prominade minnu nnifsu joffri veduti sbieħ u anke possibilta ta' logħob u attivitajiet fit-triq.

65.4.3 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-attivita oħra tal-Vintage Motors Festival l-għada il-Hadd, 21 t'April.

65.4.4 Sar qbil ukoll li l-għada ta' Jum l-Omm ċioe nhar it- 13 ta' Mejju għandha ssir attivita' għal anzjani f'Dar San Ġużepp li tkun tikkonsisti f'quddiesa, żjara ta' orjentazzjoni lid-dar, tombola u ikel.

65.4.5 Is-Sindku ħabbar li din is-sena il-Festa ta' Sant Antnin ser tiġi ċċelebrata fis-19 ta' Mejju minħabba li fid-data prevista dik tat-8 ta' Ġunju ser tkun il-weekend tal-elezzjoni.

65.4.6 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li ġejna nfurmati mill-Avukat Claire Bonello li l-Kunsill rebaħ l-kawża ta' rikors tal-appell li fetaħ kontra PA 5224/19, għar-rigward tal-proposta "To construct a sheep farm", fil-fond li jinsab fi Site at, Triq il-Qala, Għajnsielem, Għawdex. Dan kien se jinbena eżatt faċċata tal-prominade li sar fi Triq Qigħan. Il-permess issa ġie revokat. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon din id-deċizzjoni.

65.4.7 Is-Sindku għamel referenza għall-applikazzjonijiet ta' AMPPA 2 (Interreg Italia-Malta) li ssotomettejna u wkoll għal dik ta' lead partners ta' Citizens-Town-NT Project (Network of Towns), lkoll progetti tal-Unjoni Ewropea. Is-Sindku esprima t-tama li jkollna riżultati favorevoli sabiex Għajnsielem għal darb'oħra jerġa jkollu aċċess għal fondi għal aktar proġetti, attivitajiet u networking ma' bliet Ewropej. Biex applikajna għal dan il-progett aħħari għinitna Ms Valerie Meilak li taħdem ma' kumpanija u jekk jiġi approvat il-proġett il-kumpanija tgħinna fl-implimentazzjoni tiegħu u jieħdu 15% tal-fondi allokati bħala l-ħlas tagħhom. L-applikazzjoni tammonta għal madwar €400,000.

65.4.8 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-preparazzjoni tal-programm ta' Iljieli Sajfin kif wkoll għall-preparament ta' korsijiet għat-tfal bħal Crafts sessions, sezzjonijiet tal-qari, korsijiet tan-Knitting, bizilla u korsijiet tal-użu tat-teknologija.

65.4.9 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li fadal xi terrapien Triq Xatt l-Aħmar wara li nbnew ħitan tas-sejjieħ u mit-tafal li nġar mill-ilma tax-xita li jrid jitnaddaf. Is-Sindku semma li residenti li gibdulu l-attenzoni wkoll li hemm terrapien li hemm Triq ta' Bordin fid-daħla ta' Triq Borg Għarib li għandu jitneħħa qabel tispicca dumping area.

65.4.10 Is-Sindku semma wkoll dwar l-objections li hemm ta' Forti Chambray Application No: PA/03884/23 rigward l-iżvilupp ta' 'Phase 3'. il-Kunsill qabel li l-prijorita tibqa li jiġi rrestawrat is-swar u l-porvlista, jinfetaħ id-ditch u jingħata ħajja lil barracks tal-kavallieri li issa ilhom snin twal abbandunati u fi stat ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill qabel li jirreġistra bħala

'interested party' sabiex jsegwi l-proċess u jassigura li dawn l-prijoitaijiet jiġu ssalvagwardjati.

**65.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

6.5.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera b'sodisfazzjon għal fatt li Triq Hamri ser titkompla. Huwa propona li f'dan l-istadju għandna nirranġaw il-ħajt ta Triq Il-Gudja li jagħti għal Triq Ħamri. Is-Sindku wieġbu li jsir u anke propona li t-taraġ ukoll jittranġa u jsir fit-tond.

65.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca ressaq talba sabiex jitpoġġew bins taħt Chambray. Ma sarx qbil għax kull fejn jitpoggew dusbins mhux fl-abitat qed tigi kkaġunata *dumping area.*

65.5.3 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex isiru double yellow lines quddiem residenza ta' anzjana fi Triq Wied ir-Rgħajjes. Sar qbil li għandna niċċekjaw dwarhom u nipproċedu.
65.5.4 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex isiru xi patching fit-tela' ta' Lourdes. Sar qbil li għandna nibgħatu lid-Direttorat tal-Proġetti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex isiru.

65.5.5 Il-kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għall-grupp Kantera li huwa tajjeb ukoll bħala parti mill-attivita' Echoes by the Sea. Il-Kunsill qabel li għandu jitlobhom stima.

**65.6 Korrispondenza**

65.6.1 Ġiet trattata t-talba mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal Charging Point fi Triq Guzeppi Cali faċċata ta' Triq Gawwi. Sar qbil li din għandha ssir.

65.6.2 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex jitneħħa parkeġġ minn Triq Qigħan u ieħor jinbidel ma' dak għall-ta' muturi għaliex għandu problema biex joħroġ u jdaħħal t-trakkijiet. Sar qbil li ghandna nibghatu lil Transport Malta biex jinbidlu.

65.6.3 Ġiet trattata wkoll t-talba mingħand residenta għal sinjal isfar quddiem The Pearl Court, Triq Kemmuna, Għajnsielem peress li bil-wheelchair diffiċli biex toħroġ u talbet *one metre double yellow line.* Sar qbil li għandna napplikaw għal *one metre* biex tkun tista toħroġ.

**65.7 Update dwar il-proġetti u dati tal-inawgurazzjoni**

65.7.1 **Triq Ħamri** - Is-Sindku għamel referenza għal fatt li nbeda x-xogħol ta' tqaxxir għall-ewwel wiċċ tat-tarmac. L-ewwel kisja ser tinghata minn Triq Sant' Antin sa Triq Malta. Saret referenza wkoll għat-talba mill-Kumitat tal-Festa ta' Sant'Antnin biex naħsbu għat-toqob tal-antarjoli. Sar qbil li għandna nagħmlu 14-il toqba bic-cement. Saret referenza wkoll għat-talba li l-Kunsill għamel lil Minsiteru għal Għawdex għal fondi addizjonali għaliex is-servizz tad-drenaġġ kien jinħtieġ li jsir aktar il-fuq miż-żona li oriġinarjment qegħda intiża għal asfalt u ma jagħmilx sens li minn Triq Ħamri jibqa parti żgħira mit-triq li tibqa mingħajr tarmac ġdid. Huwa spjega li qegħdin niġru wara il-Ministeru sabiex jkollna risposta u fondi mill-aktar fis sabiex x-xogħol ma jieqafx.

65.7.2 **Pjazza Tolfa -** Ix-xogħol fuq il-mosaic jinsab lest. Fadal biss il-cladding tal-injam li se jeħel dan il-weekend, kif ukoll il- bankijiet tal-ġnub li jinkludu bini bil-bricks bi cladding tal-rħam u l-injam fuqhom. Ix-xogħol huwa previst li jitlesta sal-inawgurazzjoni nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2024.

65.7.3 **Librerija u Ċentru Marittimu** - Dan il-proġett huwa lest u nawgurat.

65.7.4 **Public Convenience -** Is-Sindku rrefera għal fatt li x-xogħol fit-taraġ ta' barra jinsab lest u ser jitwaħħal ukoll r-railing. Il-madum ta' ġewwa jinsab lest u l-ġimgħa d-dieħla se jsir is-suffitt. L-aperturi kważi lesti u li jifdal huma xogholijiet mill-kuntrattur Richard Cauchi.

65.7.5 **Proġett – Belveder Triq Qigħan -** Dan il-proġett huwa lest u inawgurat.

65.7.6 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini. -** Il-fanali twaħħlu u qed niġru wara l-kuntrattur sabiex jibda ix-xogħol ta' pavimentar u bollards.

65.7.7 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja -** Qed nistennew l-kuntrattur jiġi sabiex jibda

65.7.8 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra -** Qed nistennew l-kuntrattur jiġi sabiex jibda.

65.7.9 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi -** Is-Sindku spjega li t-Tender se jkun ippublikat nhar il-Ġimgħa, 26 ta' April. Ghada hiereg tender u peress li huwa tender kbir ser jaghlaq nhar is-17 ta' Ġunju 2024.

65.7.10 **Bini Arkata-** Eko-Għawdex aċċettaw li jidħlu bħala partners sabiex niksbu 100% tal-fondi neċċċessarji mid-DPF minflok 80%. Is-Sindku rrefera għal problema ta' kofinanzjament.

65.7.11 **Ġnien Brieghen mal-Kunsill tax-Xewkija -** Il-Kunsill tax-Xewkija applika għal DNO mal-Planning Authority

**65.8 Inawgurazzjoni Pjazza Tolfa**

65.8.1 Is-Sindku għamel referenza għall-inawgurazzjoni ta' Pjazza Tolfa li ser tinżamm nhar il-25 ta' Mejju. Għall-inawgurazzjoni ser jattendu l-Onorevoli Alessandro Battilocchio, is-Sindku ta' Tolfa Stefania Bentivoglio u l-eks Sindku Luigi Landi.

65.8.2 Sar qbil li l-Programm għandu jkun jikkonsisti f'siltiet mużikali u diskorsi mill-Onorevoli Battilocchio, Chairman tal-Mepa, diskors tal-Perit Godwin Sultana, Sindku Kevin Cauchi u jaqħlaq is-serata bid-diskors tiegħu l- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar Clint Camilleri u spjegazzjoni dwar il-kunċett minn Paul Stellini. Sar qbil li wara tinżamm serata ta' mużika taljana u festin għal dawk kollha preżenti. Mistieden ser ikunu r-residenti kollha.

**65.9 Attivita' ta' Festa Roti 2024**

65.9.1 Is-Sindku aċċena għal fatt li peress li huwa previst maltemp għall-attivita' ta' Festa Roti, qed jiġi ssuġġerit li l-attivita' tiġi posposta speċjalment peress li r-riħ jaffetwa l-apparat

u l-parteċipanti fit-tlielaq. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-organizazzjoni RUST u nimxu fuq id-data li jagħtuna huma.

### 65.10 Wara l-iffirmar tal-Kuntratt ta' Ftehim dwar il-Misraħ tal-Knisja

65.10.1 Is-Sindku għamel referenza għall-iffirmartal-ftehim dwar il-misraħ tal-Knisja mal-Kurja, il-pass li jmiss matul din il-leġiżlatura ħa niffriżaw il-fondi tad-DPF . Wara nibdew billi niltaqgħu mal-entitajiet kollha nkluż Parroċċa u għaqdiet. Bħala żbir tas-siġar għaddej il-proċess tal-applikazzjoni taż-żbir mal-ERA biex il-permess ikun f'idejna. Wara li naqblu ma' kulhadd fuq id-disinii, nikkonkludu mad-DPF, napplikaw għall-permessi neċessarji, nipprova ninnegozjaw ukoll mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jgħinna billi jsir ukoll it-taraġ u wara jinħareġ it-tender tal-pavimentar.

### 65.11 Stimi għall-ipprintjar tal-fuljet Hidmet il-Kunsill

65.11.1 Il-Kunsill ġabar stimi ta' printing ta' fuljett ta' ħidmet din il-legislatura. Il-fuljett li ser ikun ipprintjat fuq pagni A4, bil-kulur u jikkonsisti f'64 paġna. L-offerti miġbura kienu kif ġej:-

- Debono Print - €3420 + VAT
- A&M Printing Press - €2975 + VAT
- Gozo Press - €3325 inkluż il-VAT
- Gutenberg Press Ltd.,- € 1,850 + VAT

65.11.2 Sar qbil li għandha nagħzlu l-orħos dik ta' Gutenberg Press Ltd.

### 65.12 Hruġ tal-Offerta tal-Proġett tal-Playing Field/Project Green

65.12.1 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li l-avviż tal-offerta tal-Progett tal-Playing Field taħt Project Green ser jiġi ppublikat fil-gazzetta tal-gvern ta' għada u ser jaghlaq nhar is-17 ta' Ġunju 2024.

65.12.2 Ġie deċiż li appena tagħlaq l-offerta, għandha tiġi aġġudikata mill-Bord tal-Evalwazzjoni li għandu jkun kompost mil-Perit Andrew Vella bħala Chairman, mill-Perit Godwin Sultana, mill-Avukat Joshua Grech, mis-Sur William Sultana u membru li jiġi identifikat minn naħa ta' Project Green. Bħala Segretarja tal-Bord għandha tkun is-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

### 65.13 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Ġiet trattata l-iskeda tal-pagamenti numru 131 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

### 65.14 Materji oħra

Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

### 65.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

### 64.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

64.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**